MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum l-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

Rikors Numru 310/2015

**Patrick Bugeja**
**(ID 81178M)**

**vs**

**Catherine Grech**
**(ID 271968M)**

Il-Qorti,

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-13 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimata is-segwenti:

   *Thallas dik is-somma kif likwidata min din l-Onorabbli Qorti rappresentanti servigi resi mir-rikorrenti fil-konfront tal-genituri taghkhom Jane u Joseph konjugi Bugeja, illum defunti.*

   *Ghal fini ta' kompetenza, qed jigi dikjarat li din is-somma ma tissuperax l-ammont ta' hdax-il elf, u sitt mitt Euro (€11,600).*

2. Rat ir-risposta ta' l-intimata **Catherine Grech** ippresentata fis-27 ta' Ottubru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   *1. Illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16.*

   *2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur qatt ma ppresta servigi u anke jekk se mai ippresta xi servigi dan ghamlu familiaritatis causa.*

## 2. Provi

1. Rat illi fl-14 ta' Dicembru 2015, in vista tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti invertiet il-provi u ordnat illi jingiebu provi dwar l-ewwel eccezzjoni.

2. Rat l-affidavit ta' **Catherine Grech** ippresentat fit 18 ta' Frar 2016 flimkien ma dokumentazzjoni minnha ppresentata, wara liema affidavit l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta fuq l-ewwel eccezzjoni taghha.

3. Rat l-affidavit ta' **Patrick Bugeja** ippresentat fil 25 ta' April 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentata, wara liema affidavit r-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi xjippresenta.

4. Rat illi fit 13 ta' Gunju 2016, l-abbli difensuri tal-parti ttrattaw l-meritu ta' l-ewwel eccezzjoni.

5. Rat illi fis-27 ta' Gunju 2016 dina l-Qorti ddecidiet l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata billi laqghat tali eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn jirrigwarda t-talba ta' hlas ta' servigi ghal missier il-partijiet, Joseph Bugeja, filwaqt lli cahad tali eccezzjoni fejn jirrigwarda t-talba ghall-hlas ta' servigi ta' omm il-partijiet, Giovanna Bugeja.

6. Semghet ix-xhieda ta' Catherine Grech in subizzjoni u in kontro ezami moghtija fl-20 ta' Ottubru 2016.

7. Semghet ix-xhieda ta' **Joseph Magro** , prodott mir-rikorrent u moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016.

8. Semghet ix-xhieda ta' **Vincent Azzopardi** , prodott mir-rikorrent u moghtija fl-1 ta' Dicembru 2016.

9. Semghet ix-xhieda ta' **Doris Vella Cassia**, Customer Care Officer fi hdan l-Isptar Mater Dei, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl 5 ta' Ottubru 2017, u rat id-dokumentazzjoni esebita mixxhud, ossija estratt tal-file mediku ta' Giovanna Bugeja, liema estratt inzanmm fis-sigrieta u ma giex inkorporat mal-atti tal-process stante illi jikkontjeni dettalji privati ta' Giovanna Bugeja li jenhtieg li jinzammew privati.

10. Rat illi fil 5 ta' Ottubru 2017 ir-rikorrenti ddikjara illi ka mellux aktar provi x'jippresenta.

11. Rat l-affidavit ta' **Catherine Grech** ippresentat fit-13 ta' Novembru 2017 flimkien ma' dokumentazzjoni minnha ppresentati.

12. Rat id-dokumentazzjoni ppresentata mill-intimata fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2017.

13. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Patrick Bugeja** moghtija fl-14 ta' Dicembru 2017.

14. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Catherine Grech** moghtija fl-1 ta' Frar 2018.

15. Rat illi fl-1 ta' Frar 2018 l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

16. Rat illi l-Qorti, fl-1 ta' Frar 2018, giet a konjizzjoni tal-fatt illi kien hemm kawza ohra ghal servigi kontra l-intimata, din id-darba minn Antonella Callejja, tfajla tar-rikorrent, Rikors Nru 132/16 li kienet qed tinstema quddiem Qorti ohra, u ghalhekk talbet lill-partijiet jirregolaw jekk riedux illi dina l-Qorti, kif komposta, tisma u tiddeciedi dik il-kawza wkoll stante illi fuq l-istess meritu.

17. Rat illi fit-23 ta' Marzu 2018 ir-rikorrent talab lill-Qorti tordna illi l-proceduri fl-ismijiet '**Antonella Calleja vs Catherine Grech'** Rikors Numru 132/2016 jitkomplew quddiem dina l-Qorti, liema rikors intlaqa' fis-27 ta' Marzu 2018.

18. Rat illi fis-26 ta' April 2018 il-kawza odjerna kienet qed tinstenna illi jitterminaw il-provi fil-kawza '**Antonella Calleja vs Catherine Grech**' Rikors Numru 132/2016 illi issa kienet qed tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna minn dina l-Qorti, kif komposta.

19. Rat illi fl-4 ta' Gunju 2018 il-partijiet qabblu illi l-provi migbura fil-kawza '**Antonella Calleja vs Catherine Grech**' Rikors Numru 132/2016 japplikaw ghal kaz odjern ukoll.

20. Semghet il-kontro ezami ta' Catherine Grech illi sar fil-kawza '**Antonella Calleja vs Catherine Grech**' Rikors Numru 132/2016 fil-25 ta' Gunju 2018.

21. Rat l-affidavit ta' **Lourdes Borg** illi gie ppresentat fl-atti tal-kawza 132/16 fuq imsemmija fis-26 ta' April 2017 (fol 29) u l-kontro ezami taghha illi sar fl-14 ta' Mejju 2018 quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr Elena Naudi Depasquale. (fol 79)

22. Rat illi fil-25 ta' Gunju 2018 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet bil-miktub.

23. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentati fil 25 ta' Ottubru 2018.

24. Rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta' l-abbli difensur tal-intimata ppresentati fid 9 ta' Jannar 2019.

25. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2019 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrenti Patrick Bugeja u l-intimata Catherine Grech huma ahwa u l-unici tfal tal-genituri taghhom Joseph Bugeja u Giovanna Bugeja.

2. Jirrizulta illi l-intimata Catherine Grech izzewget fis-sena 1998 filwaqt illi r-rikorrent baqa' qatt ma zzewweg izda huwa f'relazzjoni ma' Antonella Callejja, u dana minn Mejju tas-sena 2009.

3. Jirrizulta illi missier l-partijiet, Joseph Bugeja, miet fit-18 ta' April 1998 filwaqt illi omm l-partijiet, Giovanna Borg, mietet fl-14 ta' Awissu 2010.

4. Jirrizulta illi l-intimata, Catherine Grech, harget mid-dar tal-genituri taghha hekk kif izzewget fis-sena 1998 filwaqt illi r-rikorrent baqa' jghix fid-dar tal-genituri tieghu, kemm meta kienu hajjin, kif ukoll illum il-gurnata, wara il-mewt taghhom it-tnejn.

5. Jirrizulta illi missier il-partijiet, Joseph Bugeja, li miet relattivament zghir rizultat ta' 'cancer terminali' tal-eta' ta' hamsa u hamsin sena, miet f'periodu qasir wara illi kellu l-marda tieghu indikata mit-tobba.

6. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi omm il-partijiet, li mietet eventwalment rizultat ta' tumur f'rasha li wassalha sabiex titlef il-vista taghha ghall-ahhar periodu ta' hajjitha, kienet, qabel ma gie skopert il-marda ta' missier l-partijiet, gia qieghda tbaghti minn marda kronika fil-pulmun, liema marda hija baqghet tikkura sakemm eventwalment mietet.

7. Jirrizulta, kif ammess mill-intimata fix-xhieda taghha (fol 41), illi fl-ahhar sentejn ta' hajjet omm il-partijiet, Giovanna Bugeja, huma ma kienux jitkellmu u lanqas ma kienet taf illi kienet rikoverata gewwa l-Isptar fl-ahhar jiem ta' hajjitha, u kien biss meta gharrafha t-tifel taghha li kien sar jaf minn xi hadd iehor illi saret taf illi ommha kienet attwalment mietet.

8. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrent jikkontendi li, ghal madwar l-ahhar seba snin ta' hajjet ommhom, jigifieri mis-sena 2003 'l quddiem, l-intimata ftit li xejn kienet tkellem lill ommha, allegazzjoni illi giet michuda mill-intimata, fejn sahqet illi fis-sena 2001, hija kienet hadet lill ommha maghha ghal btala gewwa t-Tunesija, filwaqt illi fis-snin ta' wara, illi hija ma kienetx kapaci tidentifika, hija kienet sifrietha maghha gewwa Sqallija – tikkonferma, izda, kif fuq gia indikat, illi fl-ahhar sentejn ta' hajjitha ma kellmitha xejn.

9. Jirrizulta illi r-rikorrent ressaq, bhala xhud, lill certa Joseph Magro, illi kien jaf kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-ommu, Giovanna Borg, peress illi ohtu kienet toqghod fil-vicin u kien habib tar-rikorrent. Tali xhud (fol 53) stqarr illi, darba minnhom, madwar tlett snin qabel ma mietet Giovanna Bugeja, jigifieri ghas-sena 2007, kien intalab jghid lir-rikorrent icaqlaq gwardaroba illi kien hemm fid-dar fejn r-rikorrent kien jghix ma' ommu, Giovanna. Mument minnhom, waqt illi Magro kien qieghed jitkellem ma' Giovanna Bugeja hekk kif ir-rikorrent kien hareg jixtri xi affarjiet, bdew jitkellmu fuq il-familji u hi qaltlu "*ara naqra jien, mn'Alla ghandi li dan it-tifel. Ghandi tifla ilha ma tigi erbgha snin.*" L-istess xhud jistqarr illi kien jaf li r-rikorrent kien jghix ma' ommu filwaqt illi lill-intimata huwa qatt ma' raha d-dar ta' ommha.

10. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent ressaq ukoll xhud iehor, lill certa Victor Azzopardi, illi jahdem bhala 'Care Worker' gewwa l-Isptar Mater Dei, fejn eventwalment omm il-partijiet giet rikoverata, u baqa' jiehu hsiebha sakemm mietet, illi kkonferma (fol 58-59) illi Giovanna Bugeja kellha bzonn l-assistenza kontinwa u "*ma kienetx mara ta' wehidha*" filwaqt illi stqarr illi kien jara biss lir-rikorrenti w it-tfajla tieghu, Antonella Grech, jiehdu hsiebha. L-istess Azzopardi stqarr illi, darba minnhom, Giovanna Bugeja qaltlu "*imn'Alla kien Patrick ghalija. U hu hsieb lil ommok bhalma' Patrick qed jiehu hsiebi ghax jien dejjem sibt lilu.*"

11. Jirrizulta wkoll mhux ikkontestat mix-xhieda taz-zewgt partijiet, w anke ikkonfermat mix-xhieda taghha stess, illi mument minnhom, oht Giovanna Bugeja, maghrufa bhal "iz-zija Lourdes" kienet iddur b'ommhom Giovanna meta r-rikorrent kien ikun xoghol.

12. Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrent illi ommhom kellha pensjoni ta' madwar sitt mitt Euro (€600) fix-xahar u, fuq struzzjonijiet ta' ommu, kien jaghti hamsin Euro (€50) fil-gimgha liz-zija Lourdes ghall-ikel, jigifieri mitejn (€200) kull erbgha gimghat u, meta t-tfajla tieghu, Antonella Grech bdiet tghinha, dejjem fuq struzzjonijiet ta' ommu, kien jaghti tletin Euro (€30) fil-gimgha lill-omm Antonella, peress illi hija kienet tghin lill Antonella fit-tisjir u hasil ukoll, jigifieri mija u ghoxrin Euro (€120) kull erbgha gimghat. (fol 21-22)

13. Jirrizulta, dejjem mix-xhieda tar-rikorrent, illi hu kien jixtrilha b'madwar mitejn Euro (€200) f'medicini fix-xahar filwaqt illi jistqarr ukoll illi fl-ahhar hames xhur ta' hajjitha, meta ommhom kienet dejjem l-Isptar, l-ispejjez illi huwa w it-tfajla tieghu Antonella nefqu fil-parkegg kien fl-ammont ta' madwar tmien mitt Euro (€800). (fol 23)

14. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-intimata tishaq illi ghalkemm hija ma kienetx tkellem lill-ommha ghal l-ahhar sentejn, hija xorta baqghet tiltaqa' regolarment mar-rikorrent kull gimgha u qatt ma qalilha dwar spejjez illi kien qieghed jinkorri, filwaqt illi sahqet ukoll illi, wara il-mewt ta' ommhom, huma zbankaw flimkien kont fiss illi kien hemm ta' ommhom, fl-ammont ta' €44,000, illi huma qasmu bejniethom u r-rikorrent qatt ma semma flejjes lilu dovuti bhala servigi meta qasmu l-flejjes (fol 75) u tistqarr li "*kont sorpriza hafna meta rcevejt l-Ittra Ufficjali ta' hija Patrick datata 20 ta' April 2015 li permezz taghha qed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' servigi.*" (fol 73)

15. Jirrizulta, finalment, illi mistoqsi mill-Qorti kif komposta dwar x'kien qieghed jippretendi bhala servigi, r-rikorrent irrisponda kif gej: (fol 113)

> "*Le ahna konna minn dejjem biex inhallu f'idejn il-Qorti tistma kemm jiena haqqni ta' dawk is-sitt snin, dawk is-sitt snin li ohti m'ghamlitx presenti maghha sal-ahhar.*"

## 4. Konsiderazzjoni dwar id-difiza

1. Jirrizulta illi l-intimata, fid-difiza minnha mqajjma, sahqet illi "*l-attur qatt ma ppresta servigi u anke se mai ippresta xi servigi, dan ghamlu familiaritatis causa.*

2. Jirrizulta illi tali linja difensjonali gie ikkunsidrata fid-dettal fil-kawza **Anthony u Theresa konjugi Sant vs Lucia Chapelle** (Rikors Numru: 380/2013 CSH) deciza fit 30 ta' Settembru 2015, fejn dik il-Qorti kellha dan li gej dwar tali linja difensjonali:

> *Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, fil-passat f'kaz ta' servigi prestati bejn parenti, kien jigi ritenut li dawn gew prestati "familiaritatis causa" u l-prezunzjoni kienet li ma kienx hemm hsieb ta' kumpens.*
>
> *Pero` fil-gurisprudenza aktar recenti, anke fir-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li s-servigi jigu resi bi speranza ta' kumpens sakemm ma jezistux cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratwita (Ara sentenza **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** (Citaz 1381/1993) deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta Dicembru 2003). Fil-kawza **Agius vs Galea** deciza fit-12 ta' Frar 1996 gie deciz li l-principju ta' gratwita ma ghandux jigi akkolt facilment. F'sentenza moghtija recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet '**Maria Lourdes Brincat vs Guiseppe Brincat et**' (Citaz 448/87FS) gie dikjarat illi f'kaz ta' servigi ma hemmx prezunzjoni ta' gratwita. Il-Qorti iddikjarat li "Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin biex iwaqqa' l-presunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas".*
>
> *Fis-sentenza taghha tat-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Borg vs Gaffiero et**" din il-Qorti diversament presjeduta (PA/PS) ghamlet din l-osservazzjoni:*
>
> > *"In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp; Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li "ebda*

*kumpens ma hu dovut meta l-vinkoli tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s- servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l- intenzjoni ta' kumpens." ("Esther Farrugia et -vs- Nutar Dr. Carmelo Farrugia noe", Appell Civili, 14 ta' Frar 1938 ;*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi "sebbene un salario per servigi non e` dovuto, se non e` convenuto, oppure se il prestante non ebbe intenzione di farsene pagare ; pure la prestazione gratuita non si presume, e l'animo di donare e la rinunzia a retribuzione non devono facilmente accogliersi - anche se i servigi fossero state prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i servigi" - "**Felicia Felice - vs- Giuseppe Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Gunju 1875;*

*L-indirizz fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il- gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. ("**Giuseppina Deidun et - vs- Emilia Poggi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment ("**Elizabeth Vassallo -vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974; "**Mary Grace Attard - vs- Rosario Attard**", Appell Civili, 13 ta' Ottubru 1989) (ara wkoll – "**Agius vs Calleja**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 15 ta' Frar 1958 ; "**Zammit et vs Vella noe**" – Qorti tal-Appell 1 ta` Dicembru 1958 ; "**Delicata et vs Saliba pro et noe**" – Qorti tal-Appell – 22 ta' Mejju 1989 ; "**Caruana pro et noe vs Abela**" – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 14 ta' Jannar 1965 ; "**Axiaq vs Mifsud et**" – Qorti tal-Kummerc – 9 ta' Jannar 1952).*

3. Jirrizulta, mill-assjem tal-provi, illi r-rikorrent, ghalkemm kien dejjem hemm sabiex jghin u jassiti lill-ommu, ma' min huwa kien jghix, kien a korrent tal-fatt illi ommu stess kienet tghin finanzjarjament kemm lill zitu, Lourdes, kif ukoll lill-omm it-tfajla tieghu, Antonella, u ghalhekk kien a korrent tal-fatt illi ommu kienet tkun trid tghaddi xi flejjes lilu wkoll, kieku kellha minn fejn taghtih, izda jirrizulta li mill-pensjoni ta' €600 fix-xahar, bl-ispejjez illi kellha, ftit li xejn kien ikun fadallha, tant illi, kif jistqarru z-zewgt partijiet, wara il-mewt taghha, ommhom ftit li xejn kellha flus, ghajr ghall-kontijiet fissi illi eventwalment inqasmu bejniethom.

4. Jirrizulta wkoll, dejjem mill-assjem tal-provi, illi ghal periodu ta' certament seba snin, kif jixhed Joseph Magro, l-intimata ma kienetx tmur tara lill-ommha, li ghalhekk kienet tiddependi totalment mir-rikorrent illi kien jiehu hsiebha u jehodha kull fejn kien necessarju, inkluz ghand it-tobba, l-Isptar u kull fejn kien hemm bzonn, u dana peress illi l-intimata kienet miggielda ma' ommha u ma tkellimhiex.

5. Jirrizulta, ghalhekk, illi l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex, ghall-ahhar hames snin ta' hajjet Giovanna Bugeja, r-rikorrent ma ghandhux ikun intolat ghal kumpens dwar servigi mihhu resi lejha.

## 5. Konsiderazzjonijiet dwar kumpens

1. Jirrizulta illi r-rikorrent, fix-xhieda tieghu, mitlub mill-Qorti dwar x'kien qieghed jippretendi, gharraf lill dina l-Qorti illi huwa kien qieghed ihalli f'idejn il-Qorti sabiex tiddeciedi tali kwistjoni.

2. Jirrizulta li, fejn tikkoncerna l-kalkolu tal-kumpens relattiv, il-gurisprudenza taghna tghid li l-linji gwida ghandhom ikunu dawn:

    1) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi ;
    2) il-mezzi tal-persuna li bbenifika mill-prestazzjonijiet ;
    3) il-parentela ta' l-atturi mad-decuius ;
    4) L-isforzi agguntivi li taw is-servienti biex jaqdu lid-decuius;
    5) in-natura tal-prestazzjonijiet u cioe' jekk kienux ordinarji jew straordinarji ;
    6) jekk il-servienti inkorrewx spejjez li taghhom ma gewx rimborsati.
    (ara "**Vassallo vs Aquilina**" – Prim Awla tal-Qorti Civili - 29 ta' Gunju, 1982, "**Cutajar vs Vella**" – Prim Awla tal- Qorti Civili - 6 ta' April, 1982, u "**Buhagiar vs Mifsud**" –Prim Awla tal-Qorti Civili - 1 ta' Frar, 1983).

3. Jirrizulta illi fis-sentenza fl- ismijiet "**Catania noe vs Agius**" deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 inghad hekk:

    *"...minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunjiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghall-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Delicata v. Saliba, deciza fit-22 ta' Mejju1989, hi bazata fuq kwazi-kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn min jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is- servigi resi u l-hlas relattiv.*

    *Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens m`ghandux ikun baxx meta l-beneficcjarju jkun marid jew mhux mobbli, b`mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa" (ara - "**Zammit et vs Farrugia Sacco noe**" deciza minn din il-Qorti fit-28 ta` Gunju 1982 u "**Buhagiar noe vs Mifsud noe**", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta` Frar, 1983)*

4. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, fuq struzzjonjiet ta' ommu, kien jghaddi kumpens ta €150 fix-xahar liz-Zija Lourdes, ghall-ikel filwaqt illi kien jghaddi kumpens ta' €120 fix-xahar lill omm Antonella talli kienet tghin ukoll fl-ikel u fil-hasil. Ghalhekk, ikkunsidrat illi r-rikorrent kien dejjem hemm meta omm il-partijiet kellha bzonnu u dejjem kien idur biha kull fejn kien mehtieg, huwa gust u meritevoli illi r-rikorrent jithallas mija u hamsin Euro (€150) fix-xahar ghas-servigi minnu resi lejn ommu ghall-ahhar hames snin (ossija sittin xahar) ta' hajjtiha, u ghalhekk tqis illi, *arbitrio boni viri* l-ammont ta' servigi dovuti lir-rikorrent ghandu jkun ta' disat elef Euro (€9,000)

## 6. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tastejni** milli tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni, stante illi gia giet deciza b'decizjoni tas-27 ta' Gunju 2016,

**Tichad** it-tieni eccezzjoni ta' l-intimata, u ghalhekk

**Tilqa** it-talba rikorrenti u

**Tillikwida** *arbitrio boni viri* l-ammont ta' hlas dovut lir-rikorrent ghal servigi fl-ammont ta' disat elef Euro (€9,000)

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli millum sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur